# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1780/98 NA**

**Silvana Gafa'**

**vs**

**Neville Gafa'**

**Annullament ta' Zwieg - Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti sabet li l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga apparti milli l-istess kunsens kien wiehed simulat u ghalhekk gie eskluz posittivament iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tieghu.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-4 ta' Settembru 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut Neville Gafa' fil-21 ta' Lulju 1995 (Dokument "A");

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimula l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Lulju 1995 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Lulju 1995 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Il-konvenut debitament notifikat fl-24 ta' Mejju 1999 ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi w anqas deher ghall-ewwel appuntament tal-kawza wara n-notifika tieghu fis-16 ta' Gunju 1999. Dan nonostante pero' f'dik is-seduta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Sandra Sladden biex tigbor il-provi u tirrelata.

L-attrici pprezentat ix-xhieda taghha, ta' ohtha Louise u ta' ommha Annie permezz ta' affidavits fit-3 ta' Settembru 1999.

Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2000 f'liema seduta d-difensur ta' l-attrici rremettiet ruhha ghar-rapport peritali w il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu u peress illi ma ngab ebda ostakolu l-ghala ma ghandhiex tinghata din is-sentenza hija sejra fil-fatt tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali wara li ezaminat il-provi kollha fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna fil-materja in kwistjoni kkunsidrat illi: "*Mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti hi tal-fehma illi jezisti verament in-nullita' taz-zwieg in ezami skond l-Artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 u cioe' illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.*"

Hija kienet ukoll tal-fehma illi l-kontendenti ma kellhomx l-intenzjoni li z-zwieg ikun indissolubili u ghalhekk dehrihla illi: "*In vista tas-suespost l-esponenti hi tal-fehma illi s-simulazzjoni parzjali tal-partijiet jirrizulta mill-provi migbura.*" Fir-rigward tal-premessa attrici bbazata fuq l-eskluzzjoni posittiva ta' l-element essenzjali taz-zwieg imsemmi fl-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta il-Perit Legali segwit l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza "Saliba vs Saliba" (14/8/95) fejn din l-eskluzzjoni posittiva ta' element essenzjali ghaz-zwieg giet ekwiparata mas-simulazzjoni tal-kunsens.

Il-Perit Legali ghalhekk waslet ghall-konkluzzjoni:

> "*(1) Iz-zwieg in ezami huwa null stante illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u dan skond l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *u*
>
> *(2) Iz-zwieg huwa null stante illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'simulazzjoni parzjali u cioe' bl-eskluzjoni posittiva ta' zewg elementi essenzjali tal-hajja mizzewga li huma l-eskluzzjoni tal-"Consortium Vitae" u l-eskluzzjoni ta' l-indissolubbilita' taz-zwieg u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti tikkondividi din l-opinjoni tal-Perit Legali. Jirrizulta illi l-unika raguni illi din il-koppja zzewget kienet ghax l-attrici kienet tqila u bezghet mill-effett li din il-gravidanza kien sejjer ikollha fuq il-genituri taghha. Il-hsieb tal-partijiet infatti huwa precizament espress mill-konvenut fix-xhieda li ta in subizzjoni quddiem il-Perit Legali fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 1999:

> "*Jiena nerga' nikkonferma illi zzewwigt lill-attrici ghall-unika raguni li harget tqila. Jiena dan ghamiltu biex nehles mill-inkwiet mal-familja taghha.*

> *Jiena ghalkemm izzewwigt bqajt nghix ta' guvni. L-attrici wkoll baqghet tghix hajja ta' xebba.*
>
> *Jiena meta zzewwigt ma kontx naf verament xi jfisser iz-zwieg u lanqas ma kont lest ghal "commitment" taz-zwieg. Ghalkemm kont ilni sentejn ma' l-attrici qabel izzewwigt qatt ma tkellimna fuq zwieg.*"

Il-partijiet qatt ma kellhom fi hsiebhom unjoni permanenti, element essenzjali ghall-hajja mizzewga, u kien ghalhekk li zzewgu biss civilment u mhux bil-Knisja.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Lulju 1995 huwa null u bla ebda effett legali.

Minkejja l-kontumaci tal-konvenut il-Qorti jidhrilha illi parti mit-tort f'din il-kawza huwa ta' l-istess attrici li ghandha ghalhekk tissopporti terz mill-ispejjes, zewg terzi jkunu invece ssopportati mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.